**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 729/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Ritianne Gauci)**

**-Vs-**

**ABDIKAHIN KHADAR YUSUF**

**Illum 25 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ABDIHAKIN KHADAR YUSUF**, iben Khadar Yusuf u Zayneb nee Mohammed, imwieled is-Somalia nhar l-1 ta' Marzu 2001, minghajr indirizz fiss u detentur tar-RefCom No. 29578 (Police number 19XX047) akkużat talli nhar il-10 ta' Diċembru 2022 għall-ħabta ta' bejn nofsinhar (12:00pm) u in-nofs siegha ta' wara nofsinhar (12 :30pm) gewwa St. Chaterine, Triq Geronimo Abos, Iklin ;

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-dannu ta' Darren Xuereb u/jew ta' xi persuna/i ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika);

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tordna lill-ħati jħallas id-dannu ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għall-ħlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali a tenur tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Ritianne Gauci, Darren Xuereb, PC 1027 Simon Micallef u Daffodil Gimarangan Miraflor waqt l-udjenza tat-22 ta' Diċembru 2022;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lill-imputat waqt l-udjenza tal-25 ta' Jannar 2023 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu u wara illi kkoncedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u ordnatlu sabiex jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semgħet lill-imputat, wara li sospendiet is-seduta u l-kawża reġgħet issejħet, jiddikjara li m'għandux bżonn iktar ħin biex jerġa' jaħsibha u biex jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu u dan

anke wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u wara li aċċertat ruħha li din l-ammissjoni kienet waħda volontarja u informata, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fi stadju mhux daqstant avvanzat tal-proceduri iżda wara li xehed l-allegat vittma u x-xhud okulari, il-fatt li l-imputat inizzjalment ċaħad l-involviment tiegħu fil-kommissjoni tar-reat u ma kko-operax mal-Pulizija fl-investigazzjoni tagħhom dwar ir-reat.  Iżda kkunsidrat ukoll li l-imputat għandu fedina penali kompletament netta għalkemm ilu jgħix Malta għal dawn l-aħħar tliet snin kif ukoll il-fatt illi kif jirriżulta mix-xhieda, huwa ma kienx il-persuna li effettivament seraq il-flus u ħebb għal Daffodil Gimarangan Miraflor, għalkemm kien kompliċi li xjentement assista lill-malviventi l-oħra biex iwettqi d-delitt, għaliex mix-xhieda jirriżulta li huwa pprova jaljena lill-imsemmi xhud miż-żona tal-cash register sabiex jiffaċilita l-kommissjoni tas-serqa.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 261(a), 262(1)(b) u 276 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issib lil ABDIHAKIN KHADAR YUSUF ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah disa' (9) xhur priġunerija effettiva.**

**Billi ma ġie maħtur l-ebda espert jew perit fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**